**Irtir għal kulħadd** nhar it-Tnejn 14 t'April, fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù mfassal fuq l-enċiklika tal-Papa Franġisku *Dilexit Nos* dwar l-imħabba umana u divina tal-Qalb ta' Ġesù Kristu. Dan l-irtir se jkun organizzat mill-grupp tal-Azzjoni Kattolika nisa, u ser imexxih l-Arċipriet Krystof Buttigieg.

| | |
|---|---|
| 09.00am | Espożizzjoni Ewkaristika |
| 09.30am | Riflessjoni |
| 10.30am | Adorazzjoni fis-skiet u Barka Sagramentali |
| 11.00am | Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa |

**Il-Mixja tat-Tbatija: Via Sagra b'differenza** nhar it-Tlieta 15 t'April fit-8.00pm fil-Bażilika. Ser ngħixu din il-Via Sagra madwar l-istorja ta' żewġ żgħażagħ li jgħaddu minn sitwazzjonijiet simili għal dawk li għadda minnhom Sidna Ġesù Kristu: tradiment, kundanna, tbatija, u slaleb. Kulħadd huwa mistieden jingħaqad magħna għal serata ta' drama, kant, talb u tagħlim miż-żgħażagħ taċ-Ċentru.

### Ftuħ taċ-Ċimiterji

Il-Ġimgħa 18 t'April (f'jum il-Ġimgħa l-Kbira) iċ-Ċimiterji ta' Kenuna u tal-Ħniena Divina ser ikunu miftuħin mis-7.00am sat-3.00pm.

### Ftuħ tal-Prayer Room

Il-Kappella tal-Adorazzjoni ser tingħalaq minn nhar Ħamis ix-Xirka sa Ħadd il-Għid u terġa' tiftaħ mill-għada tal-Għid it-Tnejn 21 t'April kuljum mit-3.00pm sat-8.00pm.

### Iċ-Ċena tas-Sinjur fil-Museum tas-Subien

Il-ħinijiet tal-wiri ser ikunu dawn:

**Ħadd il-Palm:** 9.30am – 11.30am u 3.30pm – 5.30pm

**It-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa** waqt il-ħin tad-duttrina: 6.00pm – 8.00pm

**Ħamis ix-Xirka:** 6.00pm – 11.00pm

**Il-Ġimgħa l-Kbira:** 9.30am – 3.00pm

### Fjuri u weraq għall-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira

Bħas-snin l-imgħoddija l-vari tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ser jiġu mżejna bil-fjuri friski u kkuluriti. Ovvjament hemm bżonn ukoll weraq aħdar sabiex joħloq sfond f'dawn l-arranġamenti. Għalhekk min għandu weraq aħdar, jista' jġibu u jħallih fis-sagristija tan-naħa tat-Tramuntana sa mhux iktar tard minn nhar il-Ħadd 13 t'April. Grazzi bil-quddiem tal-koperazzjoni tagħkom.

### Fjuri għas-Sepulkru

Neħtieġu wkoll fjuri bojod: ġiżimin u buqari għall-Artal tar-Ripożizzjoni li jitlesta f'Ħamis ix-Xirka. Nitolbukom tgħinuna billi ġġibuhom fil-knisja mhux iktar tard minn nhar l-Erbgħa 16 t'April. Grazzi mill-qalb.



### 7 Visti għat-tfal

Bħal kull sena, nhar il-Ġimgħa l-Kbira, il-qasam tal-Museum tas-subien ser jorganizza s-7 visti għat-tfal, adolexxenti u żgħażagħ kif ukoll ġenituri, ħbieb u benefatturi li jixtiequ jingħaqdu magħhom. Tluq minn ħdejn il-qasam fit-8.00am.

### 7 Visti għal kulħadd

L-Għaqda Dun Franġisk Grima tavża li nhar il-Ġimgħa l-Kbira, ser torganizza s-Seba' Visti madwar Għawdex. Niltaqgħu l-Pjazza fit-8.15am. Avżaw sat-Tlieta 15 t'April biex tibbukkjaw it-trasport billi ċċemplu lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

**Qrar fil-Ġimgħa Mqaddsa bi tħejjija għall-Għid:**

It-Tnejn, It-Tlieta u l-Erbgħa mill-5.30pm sas-7.00pm;

Il-Ħamis filgħaxija sa 12.00am u l-Ġimgħa filgħodu sa 12.00pm waqt il-Visti;

Is-Sibt qabel il-Velja tal-Għid mill-5.30pm sas-7.30pm.

### Il-Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am